MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 407/2000/1

**Mary Carmen Bajada**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell maghmul minn Mary Carmen Bajada ("l-appellanti") bhala terza persuna interessat, li ddikjarat li giet aggravata minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ("il-Bord") moghtija fit-3 ta' Novembru, 2000.

2. B'din id-decizjoni l-Bord laqa' eccezzjoni li l-appell intavolat quddiemu mill-appellanti kien wiehed null, billi l-oggezzjonijiet ta' l-appellanti (ghall-applikazzjoni ghall-permess ta' l-izvilupp fi 25 u 26 Triq Srug, Xaghra, Ghawdex, li kienet saret minn Monica Bigeni) ma kienux saru fi zmien (15) hmisatax-il jum mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz msemmi mill-Artikolu 32(5) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Il-Bord, *inter alia,* ippronunzja ruhu hekk:-
"Illi dan il-Bord jaqbel ma' l-eccezzjoni ta' l-applikant fis-sens li s-sottomissjonijiet ma sarux fit-terminu li trid il-ligi u cioe` hmistax-il gurnata mid-data tal-pubblikazzjoni fi *The Malta Independent* tad-dettalji dwar l-applikazzjoni – ara Artikolu 32(5) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Ghal fini ta' dan l-artikolu, korrispondenza lill-Prim Ministru ma' taqax taht dan l-artikolu u ghalhekk ma tistax titqies li hi sottomissjoni lill-Awtorita`. L-istess jghodd ghat-telefonati lill-istess Awtorita` peress li skond l-Artikolu 32(5) fuq citat is-sottomissjonijiet iridu jsiru bil-miktub. L-istess jghodd meta l-appellant kitbet lill-Awtorita` biex jibdew proceduri ta' twettiq. Dawn il-proceduri huma separati u indipendenti mill-proceduri ta' l-applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp. Fil-fatt, skond l-Artikolu 32(5), is-sottomissjonijiet iridu jsiru fil-*file* ta' l-applikazzjoni u mhux f'*file* iehor li ma jkollu x'jaqsam xejn ma' l-applikazzjoni ghall-permess ta' l-izvilupp;

Jirrizulta ghalhekk a sodisfazzjoni ta' dan il-Bord li l-avviz fi *The Malta Independent* gie ppublikat fit-23 ta' Mejju 1998 mentri l-ewwel ittra ta' l-appellanta lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar hi datata 6 ta' Mejju 1999, u cioe` kwazi sena wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviz fi *The Malta Independent*. Peress li t-terminu skada abbondament, il-Bord jiddikjara li r-rekwiziti ta' l-Artikolu 32(5) fuq citat ma gewx sodisfatt;

Ghaldaqstant, il-Bord jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell. L-eccezzjoni dwar l-interess guridiku tibqa' npregudikata."

3. Ghall-kompletezza, id-decizjoni shiha tal-Bord sejra tigi annessa bhala appendici ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

## II L-APPELL

4. L-appellanti intavolat appell minn din id-decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Novembru 2000. Qeghdha titlob li dina l-Qorti joghgobha – ghar-ragunijiet esposti fir-rikors ta' l-appell taghha – tirrevoka d-decizjoni imsemmija tal-Bord.

5. Kemm Monica Bigeni u kemm ukoll l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ikkontestaw l-appell fil-meritu waqt li Monica Bigeni, ziedet teccepixxi n-nullita` ta' l-odjern appell billi ma hemm l-ebda punt ta' ligi deciz mill-Bord. L-appellati ghalhekk talbu li l-appell interpost mill-appellanti jigi michud u konsegwentement li d-decizjoni appellata tal-Bord tigi kkonfermata.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

6. L-eccezzjoni procedurali preliminari, imsemmija fil-paragrafu precedenti u li giet sollevata mill-appellata Monica Bigeni hija evidentement infondata billi l-appell kollu jikkoncerna revizjoni ta' l-interpretazzjoni li l-Bord ta ghall-Artikolu 32(5) tal-Kap 356 u li l-appellanti qeghdha tikkontesta fl-odjern appell. Ghalhekk l-istess eccezzjoni sejra tinchad.

7. Dwar il-meritu proprju ta' l-appell, huwa utili li qabel xejn jigu citati dispozizzjonijiet relevanti tal-Kap 356, <u>kif kienu meta gie interpost l-appell mill-appellanti quddiem il-Bord</u>, jigifieri f'Settembru 1999.

8. Skond l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 356 il-Bord inghata l-gurisdizzjoni:

"li jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat b'decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll."

Pero`, fil-kaz ta' appell li jigi mressaq minni terza persuna interessata, il-ligi imponiet kundizzjonijiet espressi fil-*proviso* li jigi immedjatament wara s-silta tal-ligi appena citata. Dan il-*proviso* jghid hekk:
"izda dak l-appell jista' jsir biss mill-applikant jew minn terza persuna li tkun ghamlet xi kummenti meta tkun giet pubblikata l-applikazzjoni ghall-ghemil ta' zvilupp u m'ghandu jkun hemm ebda appell minn terza persuna minn decizjonijiet dwar kontroll ta' zvilupp dwar xi zvilupp li jkun specifikatament awtorizzat fi pjan ta' zvilupp approvat."

9. L-Artikolu 32(4) jimponi obbligu fuq l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li taghti pubblicita` ghal kull applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp li tircievi. Infatt, dan is-sub-artikolu jghid li l-Awtorita` ghandha tara li l-proposta u l-isem ta' min japplika jigu ppublikati fl-istampa lokali u mxandra b'avviz fuq il-post.

10. Fil-kaz odjern jidher li dana l-obbligu ta' l-Awtorita` twettaq, ghaliex fil-process mizmum mill-Bord hemm kopja tal-pubblikazzjoni ta' l-avviz li saret fit-23 ta' Mejju 1998 fi *The Malta Independent* dwar l-applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp intavolat mill-appellata Monica Bigeni.

11. Is-sub-artikolu (5) ta' l-imsemmi Artikolu 32 jistabilixxi il-mod kif ukoll it-terminu ta' kif ghandhom isiru l-kummenti, jew ahjar l-oggezzjonijiet ta' terzi persuni interessati, wara li tinghata l-imsemmija pubblicita` ghall-applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp. Dan is-sub-artikolu, <u>f'Settembru 1999</u> kien jaqra hekk:
"Kull persuna tista', ghal ragunijiet imsejsa fuq kwistjonijiet rilevanti ta' pjanar, tilmenta u toggezzjona kontra xi zvilupp. Dik l-oggezzjoni ghandha ssir bil-miktub u jkun fiha esposizzjoni motivata ghaliha, u ghandha tasal ghand l-Awtorita` fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz imsemmi fis-sub-artikolu (4) ta' dan l-artikolu. Dak iz-zmien jista' jitqassar ghal sebat ijiem f'kazijiet urgenti kif jista' jigi indikat fil-pubblikazzjoni. L-Awtorita` ghandha tikkunsidra u tiddeciedi dwar l-oggezzjoni."

12. Il-Bord sab li l-appellanti ma ottemperatx ruhha mat-terminu ta’ hmistax-il jum imsemmi fis-sub-artikolu appena citata u li kwalunkwe kummenti li hija setghet ghamlet, kemm lill-Prim Ministru, kemm b’telefonata lill-Awtorita` u kemm ukoll in konnessjoni ma proceduri ta’ twettiq, ma kienux jitqiesu li jaqghu taht l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi. Ghalhekk, il-Bord iddikjara li r-rekwiziti imsemmija fl-Artikolu 32(5) ma gewx sodisfatti u konsegwentement ikkonkluda li ma setax ikompli jiehu aktar konjizzjoni ta’ l-appell.

13. L-aggravji ta’ l-appellanti fir-rigward ta’ din id-decizjoni tal-Bord huma sostanzjalment tnejn. In succint l-appellanti qeghdha tissottometti fl-ewwel aggravju taghha, li gialadarba l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ osservanza mar-rekwiziti ta’ l-Artikolu 32(5) ma gietx sollevata quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp, din il-kwistjoni kienet giet sorvolata. Tant hu hekk li l-appellanti thalliet taghmel ir-rapprezentazzjonijiet taghha quddiem il-Kummissjoni. L-appellanti tissottometti li, f’dawn ic-cirkostanzi, il-Bord ma kellux jippermetti lill-applikanti (Monica Bigeni) li tissolleva b’success il-kwistjoni ta’ l-oggezzjoni tardiva fl-istadju ta’ l-appell, billi din kellha titqies li giet rinunzjata la ma tqajjmitx fl-istadju li kellha titqajjem.

14. Bit-tieni aggravju taghha, l-appellanti qeghhda tissottometti illi anke kieku l-appellanti ma ghamlet l-ebda sottomissjonijiet quddiem il-Kummissjoni, b’daqshekk ma ghandux lanqas ifisser illi hija ma kellhiex dritt li tintavola appell jew li dan kellu jitqies irritu u null meta l-ligi stess tuza l-frazi generika “min ihossu aggravat”. L-appellanti irriferiet ghal dak li kienet irriteniet din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-19 ta’ Awissu 1996 fil-kawza fl-ismijiet “Perit Austin Attard Montalto noe –vs- Chairman Awtorita` ta’ l-Ippjanar”.

15. Dwar dana t-tieni aggravju, ghandu jigi rilevat li wara li kienet inghatat l-imsemmija sentenza, il-ligi rilevanti kienet giet emendata appozitament biex jigu definiti ahjar fil-ligi l-parametri li fihom terza persuna interessata

setghet tinterponi appell mid-decizjonijiet li jaghti l-Bord. Ghalhekk l-appell odjern ghandu jigi regolat bl-imsemmi *proviso* ta' l-Artikolu 15(1)(a) fuq citat.

16. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti jidhrilha li l-ligi hija pjuttost cara. Ma tghidlekx li kull persuna interessata li tkun ghamlet sottomissjonijiet, kummenti jew oggezzjonijiet ghal applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, ikollha dritt ta' appell quddiem il-Bord jekk thossha aggravata mid-decizjoni tal-Kummissjoni. *Invece*, il-ligi tat gurisdizzjoni lill-Bord li jisma' appelli ta' terzi persuni aggravati minn decizjonijiet ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fil-kaz biss li dawn it-terzi persuni jkunu ikkummentaw in segwitu ghall-pubblicita` li tkun inghatat mill-Awtorita` ghall-istess applikazzjoni. Huwa veru li l-*proviso* anness ma' l-Artikolu 15(1)(a) ma jaghmilx riferenza espressa ghall-Artikolu 32(5), pero`, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbji li tali riferenza hija intiza, billi l-imsemmi Artikolu 32(5) jistabilixxi l-mod preciz u specifiku kif terza persuna interessata ghandha tipprezenta l-oggezzjonijiet taghha ghall-applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp, biex tippreserva d-drittijiet taghha, inkluz id-dritt ta' appell quddiem il-Bord.

17. Konsegwentement, la darba l-Bord sab li l-oggezzjoni ta' l-appellanti ma kienitx saret fit-terminu ta' (15) hmistax-il jum stabbilit fl-imsemmi Artikolu 32(5) alllura l-Bord kien korrett li jaghti l-interpretazzjoni li ta fid-decizjoni appellata u li jikkonkludi li ma kellux ikompli jiehu konjizzjoni ta' l-appell.

18. Ghalhekk l-appell interpost ma jistax jintlaqa'.

19. Ghal dawn il-motivi, prevja li tichad l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellata Monica Bigeni – bl-ispejjez kontra taghha – tichad l-appell fil-meritu u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord – bir-rimanenti spejjez a karigu ta' l-appellanti.

Deputat Registratur

mg

**APPENDICI**

Kopja tad-decizjoni moghtija mill-Bord fit-3 ta’ Novembru 2000, qeghdha tigi annessa ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------